# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis 24 ta' Settembru, 2015**

**Talba Nru: 554/2015/VG**

**GO p.l.c.**

**Vs**

**Nicola Rachel Stock [ID 41124A]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fit-13 ta' Lulju, 2015** u li permezz taghha talbet lill-intimata thallasha s-somma ta' seba' mija u sitta u ghoxrin euro u ghaxar centezmi ta' euro [€726.10c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Illi l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' seba' mija u sitta u ghoxrin ewro u ghaxar centezmi (€726.10) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40155556 moghtija mis-socjeta attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY 1 u Dok IZY 2 – prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY 3 –

estratt mir-Registru Elettorali u Dok IZY 4 – kopja ta' ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenuta giet nterpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni".

Ra n-nota tas-socjeta rikorrenti mressqa fis-seduta tal-lum li permezz taghha rriduciet it-Talba taghha bl-ammont ta' mitt euro (€100). B'hekk s-socjeta rikorrenti, qeghda titlob minghand l-intimata s-somma ta' sitt mija u sitta u ghoxrin euro u ghaxar centezmi ta' euro [€626.10c].

Ra li l-intimata dehret personalment, wara li t-Tribunal ivverifika l-identita taghha, ghas-seduta tal-lum u ddikjarat li hija ghandha taghti s-somma ta' sitt mija sitta u ghoxrin euro u ghaxar centezmi [€626.10c].

In vista ta' l-ammissjoni tal-intimata t-Tribunal ippospona l-kawza ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimata tas-somma ta' seba' mija u sitta u ghoxrin euro u ghaxar centezmi ta' euro [€726.10c] in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40155556. Dan l-ammont gie ridott, permezz ta' nota pprezentata mis-socjeta rikorrenti llum stess ghal ammont ta' sitt mija sitta u ghoxrin euro u ghaxar centezmi [€626.10c].

Ikkunsidra;

2. L-intimata llum stess dehret quddiem it-Tribunal u ammettiet it-talbiet tas-socjeta rikorrenti.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. In vista ta' din l-ammissjoni da parti ta' l-intimata, it-Tribunal ma ghandux triq ohra ghajr li jiddikjara li l-ammont reklamat, hekk kif ridott, mis-socjeta rikorrenti huwa dovut fl-intier tieghu mill-intimata.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif ridotta bn-nota taghha, pprezentata llum stess, u konsegwentement jikkundanna lill-intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' sitt mija sitta u ghoxrin euro u ghaxar centezmi [€626.10c] bl-imghaxijiet legali kif mitluba fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mis-27 ta' Novembru, 2014, d-data tal-prezentata tal-ittra ufficjali (fol. 12), sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali numru 2455/14, huma a kariku tal-intimata.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**